MINUTI

`

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

# Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 99/2019

5 ta' Marzu, 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
Antonia Perini - Kunsilliera
Pablo Cachia Belli – Kunsillier
James Cauchi – Kunsillier

**ASSENTI:**
Ivan Agius – Viċi-Sindku

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

## 99.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

99.1.1 Ma kienx hemm

## 99.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

99.2.2 Il-minuti ta' seduta numru 98 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-Seduta u ghaldaqstant gew meqjusa bhala moqrija.

99.2.2 Wara konsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Roderick Mamo, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

99.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokument korrett.

## 99.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

99.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif ippjanat kien izamm tournament tas-Subbuteo fil-kazin tal-Banda San Gorg bil-kollaborazzjoni ta' Bormla Subbuteo S.C.

99.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi hekk kif maqbul fis-seduta precendenti kien gie ffirmat kuntratt ma' kumpanija privata bil-ghan illi fis-sajf jittellghu korsijiet tal-kompjuter ghat-tfal. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess kumpanija kienet ghenet lil ghaqda li kienet taghmel volontarjat fost persuni bi bzonnijiet specjali

99.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet inzammet laqgha ma' kuntrattur li kien akkwista proprjeta' ghal skopijiet kummercjali fi Triq Nelson, liema laqgha serviet sabiex jigu diskussi servizzi ta' drenagg u ilma fl-istess triq.

99.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni mal-progett ta' ferry landing, liema progett kien ippjanat li jibda' jigi implimentat f'April 2019.

99.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet ma kuntrattur b'konnessjoni ma' sejhiet ghall-offerti li kienu inhargu mill-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-istess laqgha serviet sabiex jigu diskussi l-offerti finanzjarji li kien issottometta l-istess kuntrattur, liema offerti finanzjarji kienu

oghla mill-istimi li kien hejja l-Kunsill Lokali.

99.3.6 Is-Sindku aggornat lill-Kunsilliera prezenti bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma' progett li l-Kunsill Lokali kien qieghed jahdem sabiex jimplimenta fi Triq il-Gublew tal-Fidda ( Grawnds Peppi Delceppo).

99.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara li kienet inharget sejha interna sabiex jimtela' l-post vakanti li kellu l-Kunsill Lokali kien hemm zewg individwi li applikaw. Minn verifika li kienet ghamlet flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kien irrizulta illi l-istess individwi ma kienux eligibbli. Is-Sa. Zerafa ziedet tghid illi l-Kunsill Lokali kien ser ikun qieghed jinforma lil JobsPlus bil-ghan illi tigi provduta lista ta' individwi li kienu qieghdin jirregistraw ghax-xoghol u jitkompla l-process.

## 99.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

99.4.1 Ma kienx hemm.

## 99.5 Approvazzjoni ta' skedi ta' hlasijiet

99.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru03/19) ghall-approvazzjoni.

99.5.2 Fuq proposta tas-Sur James Cauchi issekondat mis-Sur Roderick Mamo, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

99.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar Frar 2019 ghall-approvazzjoni.

99.5.4 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri ssekondata mis-Sa. Antonia Perini, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

99.5.5 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda' ta' ordnijiet/xiri li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali matul ix-xhur ta' Jannar u Frar 2019 ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokali.

99.5.6 Wara proposta tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mill-Kunsillier James Cauchi, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK C).

## 99.6 Vetturi tal-Kunsill Lokali

99.6.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi wara d-decizjoni li ttiehdet fis-seduta precedenti, l-amministrazzjoni kienet hadet hsieb li taghmel kuntatt mal-bejjiegh ta’ vettura tal-ghamla Peugoet li ghaliha l-istess Kunsill Lokali kien ircieva stima li kienet tammonta ghal €5900. Is-Sindku ziedet tghid illi sfortunatament, l-istess vettura kienet lehqet inbieghet u ghaldaqstant kienet qieghda tipproponi illi l-Kunsill Lokali jixtri vettura tal-istess ghamla li l-Kunsill Lokali wkoll kien ircieva stima ghaliha minghand bejjiegh differenti. Is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet diga’ ghamlet kuntatt mal-bejjiegh u kien gie kkonfermat illi l-vettura kienet ghadha disponibbli u l-bejjiegh kien iffissa l-prezz ghal €5850. Wara diskussjoni qasira, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jimxi fuq il-proposta tas-Sindku.

## 99.7 Grawnds Peppi Delceppo

99.7.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi zviluppi li kien hemm b’konnessjoni mal-materja, inkluz diskussjonijiet bejn negozjanti privati ghat-trasferiment tas-sehem fil-progett u sejha ghall-offerti li kienet inharget mill-Kunsill Lokali b’konnessjoni mal-istess progett. Filwaqt li pprezentat fuq il-mejda tal-kunsill Lokali abbozz tal-Kuntratti li kienu gew imhejjija flimkien man-negozjanti privati, liema dokumenti gew approvati hekk kif imressqa, is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi kienet ser tkun qieghda tinforma lill-kunsilliera b’eventwali zviluppi li seta’ jkun hemm dwar il-materja.

## 99.8 Applikazzjonijiet ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq

99.8.1 Is-Sindku ressqet ghad-diskussjoni applikazzjoni li l-Kunsill Lokali kien ircieva ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq fiz-zona ta’ bacir numru 1. Filwaqt li kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera rigward is-siti, gie deciz illi minhabba progett li kien ser ikun qieghed jigi implimentat f’qasir zmien, liema progett kien ser ikollu impatt fuq l-infrastruttura taz-zona, minn tliet reklami, kellu jsir fl-immedjat wiehed biss, bit-tnejn l-ohra jitwahhlu hekk kif jispicca x-xoghol li kien hemm ippjanat

## 99.9 Approvazzjoni ta’ akkwisti

99.9.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali tliet stimi ghal uniformijiet tal-haddiema klerikali. Wara li inghataw dettalji tal-istimi migbura kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta’ €998.33 bil-ghan illi jinxtraw uniformijiet godda ghall-haddiema klerikali.

99.9.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi li kienu ingabru ghal xiri ta' injam bil-ghan illi jsiru erbgha cat houses li mbaghad jitqassmu fit-toroq tal-lokalita'. Wara li inghataw dettalji tal-istimi migbura, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta' €290 bil-ghan illi jinxtara l-materjal imsemmi.

99.9.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi li kienu ingabru bil-ghan illi fl-entratura tal-Kunsill Lokali issir irhama u fuqha jitnaqqxu l-ismijiet ta' individwi li okkupaw il-kariga ta' Sindku tal-lokalita' sa mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Wara li inghataw dettalji tal-istimi migbura, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta' €944 biex jordna l-irhama u t-tnaqqix imsemmi.

99.9.4 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi li kienu ingabru ghal banner rigward grawnds Peppi Delceppo. Wara li inqraw l-istimi migbura, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta' €112.10.

99.9.5 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi li kienu ingabru ghal tliet standardi li kellhom jitpoggew fl-entratura tal-Kunsill Lokali. Mal-istess standardi kellhom jitwahhlu bnadar ta' Malta, tal-Unjoni Ewropeja u ta' Bormla. Wara li inqraw l-istimi migbura, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghal spiza ta' €991.20 bil-ghan illi jigu ordnati l-istandardi.

99.9.6 Is-Sindku ipprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport tekniku li kien jindika illi zewg kompjuters li kienu jigu utilizzati mill-haddiema klerikali kienu garrbu hsarat irreparabbli. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-imsemmija kompjuters kienu bzonnjuzi u ghaldaqstant l-amministrazzjoni kienet hadet hsieb tigbor stimi ghal zewg kompjuters godda, bl-irhas offerta tkun dik ta' €1121 ghal kull kompjuter. Wara li gew diskussi l-ispecifikazzjonijiet teknici tal-apparat, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza msemmija u jixtri l-apparat.

## 99.10 Servizz ta' gbir ta' skart riciklabbli

99.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif deciz fis-seduta precedenti, kienet intbaghtet ittra liz-zewg skemi licenzjati ghall-gbir ta' skart riciklabbli li permezz taghha l-istess skemi gew mistiedna jissottometu l-proposti taghhom ghall-gbir

ta' skart riciklabbli mill-lokalita'. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi sad-data stupulata, kienet skema wahda biss li ssottomettiet l-offerta taghha.

99.10.2 L-offerta sottomessa infethet fil-prezenza tal-kunsilliera prezenti ghas-seduta u gew moqrija d-dettalji. Waara diskussjoni libera, gie deciz qabel jigi ffirmat kuntratt gdid, kellha tinzamm laqgha bil-ghan illi tigi diskussa f'aktar dettall l-offerta sottomessa. Il-Kunsill Lokali kellu jinzamm infurmat b'eventwali zviluppi dwar il-materja.

**99.11 Sejhiet ghall-offerti**

99.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi aktar kmieni matul l-istess seduta il-Kunsill Lokali kien diga' gie infurmat bi zviluppi li kien hemm b'konnessjoni ma sejhiet ghall-offerti li l-Kunsill Lokali kien hareg ghal xogholijiet fi Triq il-Gendus, Triq il-Polvrista u progett li kien qieghed jigi ppjanat li jkun implimentat fi Grawnds Peppi Delceppo.

99.11.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienu ghadhom ghaddejjin diskussjonijiet rigward zewg *verges* li l-Kunsill Lokali kien talab li jsiru progetti fihom. Ghaldaqstant, il-Kunsill lokali kien ghadu mhux fi stadju li jkunu infurmat jekk l-istess *verges* kienux ser jghaddu eventwalment f'idejn il-Kunsill Lokali u allura jigu inkluzi fis-sejha ghall-offerti li kien qieghed jippjana li johorg il-Kunsill Lokali. Hija ziedet tghid illi ghaldaqstant hija kienet tal-opinjoni illi l-Kunsill Lokali ma johrogx b'mod immedjat is-sejha. Kien hemm qbil mal-proposta mressqa mis-Sindku.

**99.12 Applikazzjoni ghall-permess ta' zvilupp PA 07496/16**

99.12.1 Is-Sindku infurmat poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali pjanti u dokumenti li kienu jirrelataw ma' Applikazzjoni ghal zvilupp bin-numru PA/07496/16, liema applikazzjoni kienet tikkoncerna zvilupp propost minn American University of Malta f'diversi zoni fil-lokalita'. Wara li s-Sindku spjegat fid-dettall l-applikazzjoni msemmija, segwiet diskussjoni libera li matulha gie diskuss b'mod partikolari zvilupp li kien qieghed jigi propost li jigi implimentat fi spazju miftuh li kien hemm fi Triq il-Karmnu.

99.12.2 Fuq kunsiderazzjoni tas-sindku ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament qabel mal-izvilupp propost sakemm parkegg ta' 277 spazju li kien qieghed jigi propost fl-izvilupp ta' Triq Il-Karmnu ikun miftuh ghal residenti Bormlizi minghajr hlas.

F’dan l-istadju harget mill-Kamra tas-Seduta il-Kunsilliera Antonia Perini ( 7:15p.m.)

**99.13 Mozzjonijiet**

99.13.1 Ma kienx hemm.

**99.14 Rapporti**

99.14.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’invit li kienu rcevew il-kunsilliera ghal attivita’ li kienet ser tkun qieghda tittella’ gewwa Bacir numru 1 matul Marzu 2019.
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kellu jinghaqad ma NRGY Concepts Ltd. bil-ghan illi f’Gunju 2019 jittella’ l-Malta International Wine Festival gewwa Bacir Numru 1. Kellhom jinzammu diskussjonijiet dwar il-materja mal-kumpanija msemmija.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza minghand l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali rigward donazzjoni migbura mill-Kunsilli Lokali ghall-MCCF.
- Minhabba ragunijiet legali gie deciz illi ma tintleqax talba ghal donazzjoni li waslet minghand Cottonera Resource Centre.
- Gie deciz illi ma tigix milqugha talba minghand i-Kumitat Festi Esterni San Duminku ghal hruq ta’ nar minn gnien il-Kottonera.
- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta’ € 40, liema fondi kienu ser jiffinanzjaw parti minn web-site dwar il-Kottonera.
- MInhabba ragunijiet legali, il-Kunsill Lokali hass illi ma kellux jilqa’ talbiet li sarulu mill-Kor Tota ghal kollaborazzjonijiet f’attivitajiet li kienu ser ikunu qieghdin jittellghu matul Novembru 2019.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat b’korrispondenza li kien hemm b’konnessjoni mal-progett ta’ Community Gardens li l-istess Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta flimkien ma’ xi residenti.
- Bi qbil bejn il-Kunsilliera, gie deciz illi ma kellhomx jithallsu zewg kontijiet relatati mal-kordinament ta’ zewg attivitajiet li l-Kunsill Lokali kien qieghed jippjana li jimplimenta. Dan ghaliex l-istess attivitajiet ma kienux immaterjalizzaw
- Il-Kunsill Lokali qabel illi kemm il-darba ikun possibbli kellha

timmaterjalizza proposta li l-Kunsill Lokali kien ircieva sabiex fil-lokalita' jittellghu Gyrokinesis Training classes.

- Kien hemm diskussjoni libera li matulha giet diskussa korrispondenza li l-Kunsill Lokali kien ircieva minghand l-Awtorita' tad-Djar rigward skema 2: Manutenzjoni tal-kumun fil-binjiet tal-Gvern. Fir-rigward, is-Sa. Noyah Spiteri sahqet illi fl-opinjoni taghha, is-sistema li biha l-Kunsill Lokali kien qieghed jidentifika l-blokki li kellha ssirilhom manutenzjoni ma kenitx gusta. Dan ghaliex, filwaqt li l-Kunsill Lokali kien qieghed jaghzel il-blokki skont l-ordni li tkun saret it-talba mir-residenti, fl-opinjoni tas-sa. Spiteri, il-Kunsill Lokali kellu jirrakkomanda illi ssir manutenzjoni fil-blokki li l-aktar kellhom htiega. Filwaqt li kien hemm qbil fil-principju dwar il-materja, uhud mill-Kunsilliera sahqu illi kien ser ikun difficli li wiehed ifiehem lil min kien imissu li ssirlu manutenzjoni li x-xoghol ma kienx ser isir minhabba prijoritajiet ohra u ghaldaqstant il-materja kellha eventwalment tigi diskussa f'legislatura gdida. Giet diskussa wkoll il-possibilita' illi l-Kunsill Lokali jahtar kumitat ad hoc dwar il-materja. Finalment, gie deciz illi kellha ssir rakkomandazzjoni lill-Aworita' tad-Djar bil-ghan illi ssir manutenzjoni f'hames blokki li kienu fuq quddiem fl-ordni ta' stennija hekk kif sehh fis-snin precedent.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa fi progett li kien qieghed jigi implimentat mill-Agenzija ghall-Ilma u Energija, liema progett kien ser ikun qieghed jinvolvi l-efficjenza tan-negozji fil-lokalita'.

99.14.2 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport li kien jirrakkomanda numru ta' write offs mill-Fixed Assets Register tal-Kunsill Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-assi li kien qieghed jigi propost li jsir write-off taghhom gew indivdwati wara li l-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali flimkien mal-accountant ghamlu ezercizzju ta'verifika tal-assi kollha. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sur Roderick Mamo ssekondat mill-Kunsiller Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-lista hekk kif proposta.

98.14.3 Is-Sindku poggiet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali stimi u rapporti li kienu ngabru mill-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali ghall-kiri ta' servizzi relatati mal-protezzjoni tal-informazzjoni. Is-Sa. Zerafa Civelli stiednet lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex jispjega lill-Kunsilliera prezenti x'kien qieghed jigi propost. Is-Segretarju Ezekuttiv sahaq illi b'effett minn Mejju 2018 kienu dahlu fuq sehh regolamenti godda relatati mal-protezzjoni tal-Informazzjoni (General Data Protection Regulations) liema regolamenti kienu jorbtu lill-Kunsill Lokali b'kif tigi merfugha, processata u migbura informazzjoni. Tali regolamenti kienu jidhlu f'dettall metikoluz, u kien hemm proceduri li l-Kunsill Lokali kellu jadotta b'effett

immedjat. Is-Sur Hall sahaq illi ghaldaqstant, u bil-ghan illi x-xoghol isir b'mdo professjonali, kienu ingabru stimi minghand kumpaniji iffukati fuq il-materja bl-irhas offerta migbura tkun ta' kumpanija li kienet lesta li toffri s-servizz ta' konsulenza ghal spiza ta' €4500 (VAT eskluz) . Minarra gwida fuq proceduri, tali spiza kellha tkopri konsultazzjoni ghal perjodu ta' sena kalendarja mill-iffirmar tal-kuntratt u servizz ta' tahrig ghall-amministrazzjoni u kunsilliera. Wara diskussjoni libera, fuq proposta tas-Sindku, ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill lokali, b'votazzjoni unanima qabel illi kellu jikri s-servizzi tal-kumpanija li kienet ikkwotat l-ispiza msemmija.

**99.15 Tmiem tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

99.15.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fit-8:30 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghal nhar it-Tlieta 26 ta' Marzu 2019 fil-5:30p.m.

Konfermati, illum ________________________________

____________________ ________________________

**Alison Zerafa Civelli** **Duncan Hall**

Sindku Segretarju Eżekuttiv